**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1385/01 JB**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Doris Zammit Cordina**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm905.40c (disa' mija u hames liri Maltin u erbghin centezmi, in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u disa' u erbghin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm849.40c) import ta' sbatax (17) il-kambjala anness u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' sitta u hamsin lira Maltin (Lm56) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-datat tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici li biha rriducu t-talba bl-ammont ta’ mitejn lira (Lm200).

Ra lill- konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil Dr. John Buttigieg jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kwantu ghall- Lm705.40c (sebgha mija u hames liri Maltin u erbghin centezmi, ammont ridott, rappresentanti import ta’ sbatax (17) -il kambjala li d-data tal-maturita taghhom skadiet, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**